**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ERBAGĦTAX**

**4ta' ĠUNJU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-17:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**
Il-Kunsilliera Kenneth Farrugia u Daniel Muscat

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **14.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 14.1.1 | | Il-Kunsilliera Daniel Muscat u Kenneth Farrugia infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġuni ta' saħħa u xogħol, rispettivament. **Dok 1 u 2 mehmuża** |
| | | |
| 14.1.2 | | Fuq qbil unanimu mill-Kunsill, din is-seduta bdiet b'punt 14.5 fuq l-aġenda. |
| | | |
| ***14.5*** | | ***Proġett Vjal il-Kulħadd – Misraħ Santa Marija (kienu mistiedna jattendu żewġ persuni magħżula mill-istess residenti tal-Misraħ u persuna oħra li tirrappreżenta l-business )*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 14.5.<br>1 | | Għalkemm fuq il-mejda tas-seduta kien hemm iż-żewġ rappreżentanti tar-residenti ta' Bubaqra u persuna oħra li kienet qed tirrappreżenta lis-sidien tal-ħwienet, fil-kamra kien hemm diversi persuni li bdew jitkellmu waqt din il-laqgħa.<br><br>Is-Sindku Rita Grima, bdiet billi spjegat fuq monitor, il-pjanta, li ingħatat lilha ftit qabel is-seduta mill-Periti ta' IM. F'ħin minnhom daħlet waħda mill-Periti involuti u kompliet tispjega hi, dak li kienu fasslu 'draft', wara l-laqgħat li saru mar-residenti. Hi qalet li f'dan id-draft ittieħdu inkonsiderazzjoni l-ilmenti kollha li tressqu u kull mhu ser isir minn dak eżistenti hu, l-materjal tal-pjazza u d-disinn Porfido li ser jintuża. Il-parkeġġ mhux ser jonqos u t-toroq ser jibqgħu kif inhuma eżistenti. Hi qalet li ħejjew il-pjanta 'draft' bl-idejn minflok bil-computer, sabiex ma jsirx xogħol għalxejn.<br><br>F'dan il-punt, kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat il-pjanta lill-waħda mir-rappreżentanti tar-residenti u terġa issir l-aħħar laqgħa finali, qabel jinbeda l-proġett.<br><br>Pjanta draft**, Dok 3 mehmuża.** |
| | | |
| | | |
| **14.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 14.2.<br>1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hu pperżenta l-kont ta' elf u ħames mitt euro, ta' pitturi, li ġew nieqsa mill-Mitħna tax-Xarolla. (preżenta irċevuta fiskali mhux kont).<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li għalkemm kien żball tal-artist, din il-kwistjoni għandha tingħalaq illum u jitħallas dak mitlub.<br><br>Il-Kunsillier Jeremy Coleiro, qal li dan kien nuqqas tal-artist li ma ġabritx ħwejjiġha fl-immedjat u dawn il-fondi m'għandux la jbgħatihom il-kunsill lokali u lanqas il-Viċi Sindku.<br><br>Is-Sindku qalet li wara dan il-każ, il-Kunsill ħa tagħlima, li kull min ikun ser jagħmel xi wirja fil-Mitħna tax-Xarolla, irid ikun responsabbli hu, ta' ħwejġu u li jrid joħodhom lura fi żmien stipulat.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li tali flus għandhom jitħallsu mill-Kunsill Lokali. |
| | | |
| ***14.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 14.3.<br>1 | | Is-Sindku Rita Grima, faħħret l-inizjattiva tal-cat café, u l-ftuħ tiegħu li sar nhar is-Sibt 31 ta' Mejju. Hi faħħret fost l-oħrajn lill-Kunsillier Marisa D'Amato u lir-raġel tagħha, li ħadmu biex dan il-proġett iseħħ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | F'dan il-punt, il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia feraħ lill-Kunsillier Marisa D'Amato u lil żewġa u qal li l-Kunsill għandu jkun kburi li kien l-ewwel wieħed li għamel dan it-tip ta' proġett. Hu żied jgħid, li hu sabiħ li tikkritika, imma fuq il-media soċjali saret wisq ħsara fuq dan il-proġett.<br><br>Is-Sindku qalet li l-Kunsill ħa keded kbar fuq dan il-proġett, imma issa li sar hu ta' suċċess għax irnexxa. |
| | | |
| 14.3.2 | | Is-Sindku qalet li fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq saret Fun Run ta' 5k, bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves Athletic Club u r-Reġjun Punent, li għal din is-sena reġgħet kienet suċċess. Hi żieded tgħid li filgħaxija saret il-quddiesa b'radd ta' ħajr għall-Jum iż-Żurrieq u kienet ferm iddispjaċuta li attendew biss hi u tlett kunsilliera Marisa D'Amato, Dino Bonnici u Marilyn Sammut ġiet fl-aħħar parti.<br>Hi qalet li okkażjoni bħal din tippretendi li l-Kunsill kollu jkun magħqud. |
| | | |
| 14.3.3 | | Is-Sindku Rita Grima, qalet li tliet żgħażagħ Żrieraq għamlu unur lill-Malta u liż-Żurrieq billi rebħu midalji fil-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u ssuġġeriet li lil dawn, il-Kunsill jagħtihom bukkett fjuri fl-okkażjoni tal-attivita tas-Sibt 7 ta' Ġunju.<br>Ma kienx hemm qbil fuq dan, għaliex hemm persuni oħra li għamlu suċċessi barra minn Malta u l-Kunsill ma tahhom xejn. Is-Sindku qalet li jekk tali persuni, l-Kunsill ikun jaf bihom (għaliex, jistgħu jkunu huma stess, li javviċinaw lilha jew lill-Kunsill bl-informazzjoni), għandhom jingħataw ukoll.<br>F'dan il-punt xorta ma kienx hemm qbil mas-Sindku, imma kien hemm qbil li tali persuni, jinġibu fil-Kunsill Lokali u jingħataw bukket fjuri fil-Kunsill. |
| | | |
| 14.3.4 | | Is-Sindku Rita Grima qalet, li issa li tħabbar li wieħed mid-dekasteri tal-Onorevoli Ministru Owen Bonnici ser ikun il-Ministeru tal-Artijiet, qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jibgħat email lill-Ministru, fejn jitlob laqgħa miegħu, sabiex il-Kunsill Lokali jitlob li l-art li hemm involuta PC/00068/22, tibqa kif inhi preżentament. Hi ssuġġeriet li din tingħatha lill-Kunsill Lokali, ħalli jkun enfasizzat li ma tintmesx.<br><br>F'dan il-punt, il-Kunsillier Kyle Mifsud, qal li dan l-argument kienu diġa qajmuh il-Kunsilliera li jirrappreżentaw lill-PN.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li illum hemm, PC application li qed tgħid li ser tgħaddi triq minn art tal-gvern u l-Kunsill għandu jibqa jinsisti biex dan ma jsirx.<br><br>Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Ministru, b'dak li ssuġġeriet is-Sindku.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fis-18:00. |
| | | |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***14.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 14.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li hemm bżonn li jinbidlu t-tabelli tal-one way ta' Triq San Mikiel għax jinsabu ċari wisq. |
| | | |
| 14.4.2 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab li ssir grada fid-dħul ta' Ġnien il-Ġibjun, biex it-tfal ma joħorġux jiġru 'lbarra mill-ġnien wara xi ballun u biex ma jidħlux roti/Muturi, fil-ġnien.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fil-ġnien hu projbit logħob tal-ballun u dħul bir-roti u Muturi u hemm tabelli li jindikaw dan. |
| | | |
| ***14.6*** | | ***Is-Suq fil-Beraħ (Monti)*** |
| | | |
| 14.6.1 | | Dan il-punt ma tressaqx, minħabba li ma kienx ser ikun hemm kworum fis-seduta, għaliex il-Kunsilliera kollha kienu mistiedna jattendu funzjoni fil-Knisja. |
| | | |
| ***14.7*** | | ***Proġett – binja tal-Kunsill fi Triq Gervase Matthew.*** |
| | | |
| 14.7.1 | | F'dan il-punt kien preżenti l-Perit Toni Bezzina li qed jieħu ħsieb il-proġett.<br>Il-perit spjega u wera kif ġie imfassal il-proġett, wara l-laqgħa li kellu mal-Kunsill fis-seduta preċedenti u wara li ħa s-suġġerimenti tal-Kunsilliera.<br><br>Hu ħejja żewġ pjanti bi stimi differenti.<br>L-ewwel pjanta li tinkludi żewġ sulari taħt l-art f'parkeġġ, sular b'uffiċini tal-Kunsill Lokali u multi *sensory room*, sular ieħor b'sala kbira għall-użu ta' diversi okkażjonijiet u l-bejt ikun ġnien b'panelli solari. Dan kien stmat li jlaħħaq il-ħames miljuni.<br>It-tieni proposta hi l-istess bħall-ewwel proposta imma iż-żewġ sulari taħt l-art ikunu – wieħed għall-parkeġġ u l-ieħor pool li jilqa 200 ruħ bix-showers, u toilets inkorporati. Din l-istima tlaħħaq il-5.4 miljuni.<br><br>F'dan il-punt, il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li dawn huma illuzjonijiet u affarijiet fl-arja, għaliex il-Kunsill Lokali ma jistax jasal biex jagħmel wieħed minn dawn il-proġetti, minħabba il-problema finanzjarja u dan l-anqas ser ikun ġust fuq il-pubbliku. Hu żied jgħid li l-Kunsill lanqas għandu biex jagħmel il-maintenance tal-pool, aħseb u ara ta' binja sħiħa. Dan kollu għalkemm jemmen li l-post fejn preżentement qed jintuża għall-Kunsill Lokali, mhux ser ikun tajjeb biex jilqgħa lin-nies fil-futur, minħabba ċ-ċokon tiegħu. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal, li fil-mument li l-Kunsill idaħħal l-applikazzjoni fl-Awtorita tal-Ippjanar, il-pubbliku ser ikun infurmat u jibda jilmenta.<br><br>Il-Perit Toni Bezzina qal li ħafna snin ilu meta kien beda l-ħsieb ta' dan il-proġett, l-art inkwistjoni kienet tiswa l-miljuni u illum dan il-valur żdied bil-bosta. Hu qal |

| | | |
|---|---|---|
| | | li ma jaqtax qalbu li l-Gvern għandu jgħin biex il-proġett isir, bħal ma għamlu diversi gvernijiet qabel.<br><br>Hu żied jgħid li wara l-mina m'hawnx servizzi ta' pool u dan għandu jkun proġett li l-Gvern għandu jmexxi 'l quddiem. Il-perit qal li għal dan il-proġett tista tdħol għalih ukoll Sports Malta. Hu qal li ma jaqtax qalbu li jsir, anke b'fondi Ewropej.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġerita sistema ta' *hydroponics* fil-proġett, biex b'hekk ikun aktar vijabbli li jittieħdu fondi mill-ewropa.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda billi japplika mal-Awtorita tal-Ippjanar fuq dan il-proġett u fl-istess ħin jikkomunika mal-Gvern għall-għajnuna.<br><br>Pjanti **Dok 4 mehmuża.** |
| | | |
| ***14.9*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***14.10*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 14.10<br>.1 | | • Dan il-punt ma tressaqx. |
| | | |
| ***14.14*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 14.14<br>.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 48. |
| | | |
| ***14.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 14.13<br>.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €66,140.73<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Marisa D'Amato u Jeremy Coleiro. |
| | | |
| ***14.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 14.12<br>.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-19:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 9 Lulju, 2025, fis-6:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' LULJU, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**